**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Gunju, 2002**

**Numru 37**

**Avviz. numru 487/02JR**

**Alfred Vassallo**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz prezentat fis-27 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf erba' mija u disgha u erbghin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm1449.63), jew kwalsiasi ammont verjuri rapprezentanti arretrati ta' pensjoni ta' invalidita` dovuta mill-Awtorita` konvenuta lill-attur kalkolabbli mid-data ta' l-applikazzjoni tieghu 21 ta' Gunju, 1994, sad-data tad-decizjoni favorevoli ghall-attur cioe` 13 ta' Mejju, 1995 kif jidher spjegat fl-anness document market Dok.A prevja dikjarazzjoni ta' responsabilita` f'dan is-sens;**

**Bl-interessi legali dekoribbli mill-imsemmija data tal-21 ta' Gunju, 1994, kontra l-konvenut sal-hlas eventwali ghas-saldu.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-11 t'April, 2002, fejn giet kontestata t-talba u fen intqal:**

a. **Illi din tikkoncerna talba (Dok.DSS anness) ghal pensjoni ta' invalidita` maghmula mill-esponent fil-21 ta' Gunju, 1994 u din it-talba giet michuda wara li l-attur tressaq quddiem bord mediku appuntat mill-Ministru ghas-Sigurta` Socjali (skond l-Artikolu 106(a) u s-subinciz (a) ta' l-istess artikolu) u fuq il-parir ta' dak il-Bord id-Direttur, b'avviz (Dok.DSS 2 anness) lill-esponent datat 12 ta' Jannar, 1995, cahad it-talba msemmija;**
b. **L-Artikolu 108(3) ta' l-Att tas-Sigurta` Socjali Kap.318 jaghti l-fakulta` lill-parti li thossha aggravata minn decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali li taghmel appell quddiem l-Arbitru mahtur mill-Ministru tas-Sigurta` Socjali mhux aktar tard minn tletin (30) gurnata mid-data tad-decizjoni tad-Direttur. L-esponent ghazel li ma jaderixxix ruhu ma dan il-provvediment minkejja l-fatt li dan il-provvediment kien migjub ghall-konjizzjoni tieghu kif jidher fuq id-dokument DSS 2 imsemmi hawn fuq.**

**Semgha x-xhieda ta' Alfred Vassallo. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebitit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Dan il-kaz jirrigwarda talba ghall-hlas ta' elf u erba' mija u disgha u erbghin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm1449.63) li l-attur qed jghid li hu intitolat bhala pensjoni ta' invalidita` ghall-perijodu bejn il-21 ta' Gunju, 1994, u it-13 ta' Mejju, 1995.**
2. **Jirrizulta li fil-fatt l-attur kien ghamel applikazzjoni ghall-invalidita` fil-21 ta' Gunju, 1994, Dok.DSS1, liema applikazzjoni pero` giet rifjutata mid-Direttur tas-Sigurta` Socjali fit-12 ta' Jannar, 1995, Dok.DSS2, fejn intqal lill-attur li ma kienx intitolat ghall-dik il-pensjoni.**
3. **L-attur kellu zmien tletin gurnata biex jappella ghall-quddiem l-Arbitru mahtur appositament u dana a tenur ta' l-artikolu 108(3) ta' l-Att tas-Sigurta` Socjali Kap.318. Dana l-attur m'ghamlux.**
4. **L-attur sussegwentement talab li jigi rikonsidrat il-kaz, u fil-fatt dan sar, u gie notifikat bl-ezitu b'ittra datata 29 ta' Marzu, 1996. F'dik l-ittra fost ohrajn jinghad hekk:**

> **"In view of this, you were awarded an Invalidity Pension for a period of three years with effect from 13th May 1995. Accordingly, you are not entitled to any further arrears since Invalidity Pension was correctly issued."**

**5. Dak li gara kien fil-fatt li giet rikonsidrata it-talba ta' l-attur, pero` naturalment, dana ma kienx japplika ghall-perijodu precedenti. L-**

**ewwel decizjoni setghet tinqaleb permezz ta' l-appell kif inghad, haga li ma saritx. Ghalhekk l-applikabilita` tal-pensjoni ta' l-invalidita` hija mid-data li qed tissemma fl-ittra mibghuta mid-Dipartiment lill-attur, ossija mit-13 ta' Mejju, 1995, izda mhux precedentement.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici ma tirrizultax gustifikata, t-Tribunal qed jichad it-talba attrici.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-attur skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**